25 ta' Ġunju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Debono *versus* Antonio Camilleri

**Serq — Danni — Minuri — Inkapaċi — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 1077 u 1078 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min isofri danni bl-egħmil ta' persuni inkapaċi, għandu żewġ azzjonijiet: waħda diretta kontra l-inkapaċi, u l-oħra indiretta kontra min għandu l-kura ta' l-istess inkapaċi.*

*Il-missier ta' tfal minuri li jikkommettu serq huwa għalhekk responsabili għad-danni kaġunati b'dak is-serq lill-persuna derubata, sakemm hu ma jippruvax li adopera l-viġilanza ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt dannuż ma jiġrix; u d-derubat għandu azzjoni diretta kontra l-missier għad-danni, salv li dan jista' jiskaġuna ruħu billi jipprova li hu nviġila fuq l-imsemmija wliedu, u*

*li ma setax jimpedixxi li s-serq ma jsirx.*

*F'każ simili, l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna opposta kontra l-persuna li sofriet id-danni ma hix aċċettabili; salv il-meritu, fejn il-konvenut ikun jista' jagħmel dik il-prova.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, billi t-tfal minuri tal-konvenut, Francesco u Giovanni Camilleri, daħlu klandestinament fl-abitazzjoni ta' l-attur iż-Żurrieq, u serqulu flus u affarijiet oħra, li tagħhom għamlulu biss restituzzjoni parzjali, talab li l-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-attur il-bilanċ ta' £23 flus, arness ta' poni, u "ball bearings" tad-"differential" ta' karrozza Bedford, jew li jħallas il-valur tagħhom ta' £5 u ta' £6 rispettivament, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat; bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 1953, u bl-inġunzjoni lill-imħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita illeġittimità tal-persuna;

Illi, skond il-liġi, lill-attur jikkompetu żewġ azzjonijiet diversi: waħda diretta, kontra l-inkapaċi (art. 1078 Kodiċi Ċivili); u l-oħra indiretta, kontra min għandu l-kura ta' l-istess inkapaċi (art. 1077 Kodiċi Ċivili). Milli jidher, l-attur għoġbu jeżerċita din l-aħħar azzjoni;

Illi l-konvenut, bħala missier tal-minuri li kkommettew il-pretiż serq, bis-saħħa tad-dispożizzjoni fuq ċitata jsir responsabili personalment. Difatti, kif jinnota Giorgi, "la responsabilità del fatto altrui non è che una responsabilità del fatto proprio fondato sulla colpa presunta" (Obbligazioni, Vol. V, § 251 Indice). Veru li, skond il-prinċipji ordinarji, il-ħtija għandha tiġi pruvata u ma għandhiex tiġi preżunta, iżda f'dina l-materja l-leġislatur idderoga għal dawk il-prinċipji, u stabbilixxa preżunzjoni ta' ħtija f'min ikollu jieħu ħsieb l-inkapaċi, sakemm ma jippruvax li hu adopera l-viġilanza ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt dannuż ma jiġrix. Id-dottrina u l-ġurisprudenza taljana u franċiża, li jikkommentaw dispożizzjonijiet analogi għall-art. 1077 fuq ċitat, huma unanimi f'dina l-interpretazzjoni (Ricci, Diritto

Civile, VI, § 91, u Laurent, Diritto Civile, XX, § 564). Konformi hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVI—II—92);

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-attur kien fid-dritt tiegħu li jaġixxi kontra l-konvenut fl-isem tiegħu personali, salv lil dana jiskaġuna *ruħu billi jipprova li huwa* inviġila fuq l-imsemmija wliedu, u li ma setax jimpedixxi li s-serq in kwistjoni ma jsirx; iżda dana jifforma oġġett tal-meritu tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna opposta mill-konvenut, *bl-ispejjeż kontra tiegħu*, u *tiddifferixxi* l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha għall-udjenza tat-13 ta' Novembru 1953.